# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Novembru, 2020**

**Numru 10**

**Rikors Numru 210/20TA**

**Baron Contracts Limited (C14934)**

**vs**

**Avukat Dr. Noel Bartolo u Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-3 ta' Lulju 2020 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappeżentaw lil David Christopher Jackson (ID 73484A) assenti minn dawn il-Gżejjer**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Baron Contracts Limited presentat fil-5 ta' Marzu 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont globali ta' mija u tmienja u erbgħin elf, sitta u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (€148,086.80), liema somma tirrappreżenta in kwantu għal sebgħa u ħamsin elf euro (€57,000.00) il-bilanċ ta' prezz dovut għal xogħolijiet ta' appalt imwettqa mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-konvenut, ai termini ta' kuntratt ta' appalt iffirmat fl-għaxra ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (10/11/2015) (anness Dok. '**BCL 1**') wara t-tnaqqis ta' penalitajiet għad-dewmien skond l-istess kuntratt u in kwantu għas-somma ta' wieħed u disgħin elf u sitta u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (€91,086.80) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz dovut għal xogħolijiet addizzjonali mhux inklużi fil-kuntratt hawn fuq isemmi, eżegwiti mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-konvenut, skont ma jirriżulta mill-*invoices* hawn annessi (Dok. '**BCL 2**');

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-soċjetà attriċi, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ billi, fil-fehma ta' l-istess soċjetà attriċi, il-konvenut ma għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont.

3. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat ripetutament sabiex iħallas l-imsemmi ammont huwa baqa' inadempjenti u ma ħallasx.

4. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi s-soċjetà attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont ta' mija u tmienja u erbgħin elf, sitta u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (€148,086.80), liema somma tirrappreżenta in kwantu għal sebgħa u ħamsin elf euro (€57,000.00) il-bilanċ ta' prezz dovut għal xogħolijiet ta' appalt imwettqa mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-konvenut, ai termini ta' kuntratt ta' appalt iffirmat fl-għaxra ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (10/11/2015) (anness Dok. '**BCL 1**') wara t-tnaqqis ta' penalitajiet għad-dewmien skond l-istess kuntratt u in kwantu għas-somma ta' wieħed u disgħin elf u sitta u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (€91,086.80) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz dovut għal xogħolijiet addizzjonali mhux inklużi fil-kuntratt hawn fuq isemmi, eżegwiti mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-konvenut, skont ma jirriżulta mill-*invoices* hawn annessi (Dok. '**BCL 2**').

> Bl-ispejjeż, oltre l-imgħax legali mit-18 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu."

Rat il-verbal fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ciononstante li din il-Kawża saret abbazi tal-artikoli 167 et sequens kien jaqbel li fiċ-ċirkostanzi tieħu l-kors ordinarju tagħha flok bil-proċedura speċjali sommarja.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati fl-interess tal-assenti konvenut, presentata fit-12 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

"1) Preliminarjament l-intempestivita tal-prezentata tal-kawza stanti li l-intimat David Christopher Jackson qatt ma gie notifikat b'ebda sejha formali b'talba ghal hlas, la permezz ta' ittra legali u lanqas b'ittra ufficjali, tant hu hekk li kienet qieghda tigi skjambata korrispondenza bejn il-partijiet fejn kienu qed jigu diskussi kwantita ta' mistoqsijiet u talbiet ghal kjarifiki li kellu l-intimat inkluz talba ghal hlas ta penali (li dwarha qed issir kontro talba) u dan kif ser jigi spjegat u ppruvat aktar fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez relattivi gall-hatra tal-kuraturi deputati stante li hu seta' facilment jigi notifikat ai termini tar-regolamenti "EC 1348/2000 on the service in member states of judicial and extra judicial documents in Civili or Commercial matters" u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Inoltre r-rikors in virtu ta' liema intalab il-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-intimat qatt ma gie notifikat bil-bandu, Dottor Wayne Pisani, u dan jif jirrizulta "ictu oculi" a fol 87 et sekwitur tal-process fejn jirrizulta li hemm inseriti dokument in konnessjoni ma certu "Maneri Filippi" li huwa totalment estraneju ghal kas de quo u dan kif ser jirrizulta aktar fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3) Illi subordinatament u in kwantu ghal mertu, s-somma ta' hamsa u sebghin elf Ewro (€75,000) dovuta skont l-"invoice" li kopja tieghu hija annessa mar-rikors odjern u markata Dok BCL2 mhiex kontestata.

4) Illi pero l-intimat nomine jikkontesta bil-qawwa is-somma ta' tmintax-il elf Ewro (€18,000) skont "credit note" annessa mad-Dok BCK 2 surreferit li s-socjeta` rikorrenti arbitrarjament naqset mis-somma surreferita ta' hamsa u sebghin elf Ewro (€75,000) biex b'hekk talbiet il-hlas tas-somma bilancjali ta' sebgha u hamsin elf Ewro (€57,000), stante l-fatt li c-cifra korretta tal-penali dovuta mis-socjeta` rikorrenti lill-intimat skond il-klawzola numru tmienja (8) hija dik ferm aktar gholja ta' mill-inqas hamsa u erbghin elf Ewro (€45,000), u ghal dan il-ghan l-esponenti nomine qieghed jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni sabiex iressaq il-kontrotalba tieghu ghaliex din hija ic-cifra korretta li mill-inqas ghandha titnaqqas mill-ammont mitlub sont il-kawzola erbatax (14) tal-kuntratt ta' appalt Dok BCL1;

5) Illi in kwantu ghat-talba tal-hlas ghall-ammont ta' wiehed u disghin elf u sitta u tmenin punt tmienja zero Ewro (€91,,086.80) skont it-tieni parti tal-"invoice" immarkat Dok BCL 2 anness mar-rikors odjern, din ic-cifra hija komposta minn lista ta' xoghlijiet fornita mis-sojeta` rikorrenti lill-intimat, David Christopher Jackson, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok DJ1;

6) Illi l-esponenti nomine mhuwiex qed jikontesta it-talba ghall-hlas fir-rigward ta' parti mic-cifra elenkata fil-paragrafu tlieta (3) tad-dokument surreferit immarkat Dok DJ1, kif ukoll ic-cifri elenkati fil-paragrafi erbgha (4) u hamsa (5) li jammontaw ghal sebgha u tletin elf erba mija wiehed u sebghin ount istta zero Ewro (€37,471.60) u dan skont verifiki maghmula mill-intimat David Christopher Jackson u certifikat mahrug mill-Perit ta' fiducja imqabbad minnu, il-Perit Mark Peregin, li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok DJ2 peri it-talbiet attrici fir-rigward tal-kumplament ta' dan d-dokument qed jigu ikkontestati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

7) Illi l-ammont bilancjali li qed intalab is-socjeta` rikorrenti mhuwiex dovut, stante li kif ser jigi ppruvat it-trattazzjoni tal-kawza, dan irrigwarda ammont ta' spejjez inkorsi ingustament a kagun ta' nuqqas ta' harsieb ta' dak li jipprovd l-artikolu 439 tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta); nuqqas ta' gustifikazzjoni u prova tan-nefqa relatata ma l-ispiza inkorsa, u tibdiliet maghmula fl-iskop originali tax-xoghlijiet a kawza ta' decizjonijiet arbitrarji mehuda mis-socjeta` rikorrenti minghajr pre-avviz u qbil mal-esponenti nomine u xoghol li ma sarx skont kif trid is-sengha u l-arti;

8) Illi fi kwalunkwe kaz t-talba ghall-imghax legali mit-18 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li d-debitu in kwistjoni mhuwiex debitu ta' natura kummercjali u ma intbaghtet l-ebda ittra ufficjali li giet notifikata u di piu` minhabba l-import tal-artikolu erbatax (14) tal-ftehim anness mar-rikors odjern immarkat bhala Dok BCL1.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti lid-diretturi taghha huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Savl eccezzjonijiet ohra jekk ikun hem bzonn."

Rat it-talba rikonvenzjonali tad-Deputati Kuraturi presentata konteswalment mar-risposta ġuramentata tagħha fil-kwalita citati li permezz tagħha ippremettew u talbu s-segwenti:

"1) Illi l-esponenti et nomine jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mir-rikors guramentat ipprezentat kontra l-assenti David Christopher Jackson sabiex jipprezentaw l-odjerna kontro talba;

2) Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta appalt fl-ghaxra (10) ta Novembru tas sena elfejn u hmistax (2015) kopja ta liema huwa anness mar rikors odjern u immarkat bhala Dok BCL1;

3) Illi skont il klawzola numru tmienja (8) tal kuntratt ta appalt Dok BCL1 surreferit, ix xoghol kellu jitlesta sa mhux aktar tard mit-30 ta April 2017 jew erbatax (14)-il xahar mid data tal akkwist tal proprjeta in konnessjoni ma liema kellu jsir ix xoghol, liema kondizzjoni tavvera ruhha l-ahhar, u jekk ix xoghol ma jigix hekk kompletat allura jibdew jiddekorru penali ghad dewmien biss ta mitejn Ewro (€200) ghal kull jum li tali xoghol jibqa mhux kompletat;

4) Illi l-proprjeta giet mixtrija fis-7 ta April 2016 skont kopja tal kuntratt ippubblikat minn Nutar Marco Buttigieg hawn anness u mmarkat Dok DJ3 u ghalhekk skont id disposizzjonijiet tal klawzola numru tmienja (8) tal kuntratt ta appalt Dok BCL 1 surreferit il penali beda jiddekorri mid-9 ta Gunju 2017 (u cioe erbatax (14)-il xahar wara d-data tal akkwist u dan stanti l-fatt li x-xoghol ma giex kompletat fiz zmien miftiehem;

5) Illi s-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata giet notifikata formalment li l-penali bdew jiddekorru mid-9 ta Gunju 2017 in virtu ta ittra datata 12 ta Ottubru 2017 mibghuta lilha mill Avukat Wayne Pisani, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok DJ4, u fejn giet avzata wkoll li tali penali ser jibqaw jiddekorru sakemm ix xoghol skont kif gie miftiehem fil kuntratt ta appalt Dok BCL1 jigi kompletat;

6) Illi skont kif ser jigi ippruvat waqt it trattazzjoni tal-kawza, dan id dewmien baqa fis-sehh ghal ta l-inqas mitejn u hamsa u ghoxrin (225)

gurnata, biex b'hekk hemm dovuta is somma ta hamsa u erbghin elf Ewro (€45,000) (jew somma ohra verjuri) li ghandu jitnaqqas mill prezz tal appalt skont kif stipulat fil klawzola erbatax (14) tal kuntratt ta appalt Dok BCL1 surreferit;

7) Illi inoltre, minhabba dan id dewmien tort unikament tas socjeta rikorrenti rikonvenzjonata, l-esponenti et nomine rikonvenzjonanti inkorra spejjez ta kiri ta post fejn jghix, fis somma ta tmintax-il elf u disa mitt Ewro (€18,900) u spejjez inkorsi ghal magazinagg ta ghamara u oggetti ohra relatati fl-ammont ta tlett elef u tlett mitt Ewro (€3,300) u dan kif ser jigi ippruvat waqt it trattazzjoni tal kawza;

8) Illi skont kif ser jigi ippruvat waqt it trattazzjoni tal kawza, l-esponenti et nomine rikonvenzjonanti kellu jhallas is somma ta hdax-il elf seba mija wiehed u erbghin punt sebgha tnejn Ewro (€11,741.72) rapprezentanti prezz ta xoghol remedjali li gie imwettaq minn haddiema imqabbda minnu biex jirriparaw kwantita ta ghax xoghol li ma sarx skont is sengha u l-arti mis socjeta rikorrenti rikonvenzjonata, jew mill kuntratturi imqabbda minnha;

9) Illi ghalhekk l-intimat et nomine rikonvenzjonanti qieghed jaghmel din il kontro-talba sabiex is socjeta rikorrenti rikonvenzjonata tigi ordnata thallas il penali u danni sofferti minnu skont kif jigi ppruvat waqt it trattazzjoni tal kawza, wara li dawn jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;

Tghid ghalhekk is socjeta rikorrenti rikonvenzjonata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar ragunijiet hawn fuq premessi, taqta u tiddeciedi billi :

1) tiddikjara u tiddeciedi illi x-xoghol skont il kuntratt ta appalt ma giex kompletat fiz zmien miftiehem bhala konsegwenza ta tort unikament imputabbli lis socjeta rikorrenti rikonvenzjonata, u li ghalhekk il-provedimenti kontemplati fil klawzola numru tmienja (8) tal kuntratt ta appalt Dok BCL1 gew fis sehh, biex b'hekk bdew jiddekorru l-penali ta mitejn Ewro (€200) ghal kull gurnata ta dewmien mid-9 ta Gunju 2017 kif wara kollox ammettiet hi stess fir rikors guramentat odjern meta naqset cifra ta penali inferjuri ghal dak li hu attwalment dovut, mis somma riklamata minnha;

2) Tiddikjara u tiddeciedi li bhala rizultat is socjeta rikorrenti rikonvenzjonata rrendiet ruhha responsabbli ghal hlas ta penali miftehma ghal minn ta l-inqas mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata ta dewmien fl-ammont ta hamsa u erbghin elf Ewro (€45,000), jew somma verjuri li tista tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;

3) tillikwida s-somma tal penali dovuta skont il klawzola numru 8 tal kuntratt ta appalt Dok BCL1 surreferit fl-ammont ta hamsa u erbghin elf Ewro (€45,000) jew somma ohra verjuri;

4) tordna l-hlas ta tali ammont ta penali fl-ammont ta hamsa u erbghin elf (€45,000) jew somma ohra verjuri u li din ghandha tigi imnaqsa mill prezz tax xoghol ta appalt dovut mill esponenti et nomine rikonvenzjonanti lis-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata skont kif stipulat fil klawzola numru erbatax (14) tal kuntratt ta appalt Dok BCG2 surreferit;

5) tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta rikorrenti rikonvenzjonanti, bhala rizultat tan nuqqas da parti taghha li twettaq ix xoghol mifiehem fil-kuntratt ta appalt Dok BCL1 surreferit fiz zmien stipulat fil klawzola tmienja (8), rrendiet ruhha responsabbli ghal hlas ta danni sofferti mill intimat et nomine rikonvenzjonanti fi forma ta hlas ta kera ta post fejn jghix, magazinagg ta ghamara u oggetti ohra relatati, u spejjez ta xoghol imwettqa minn haddiema imqabbda minnu biex jirriparaw xoghol li ma sarx skont is sengha u l-arti mis socjeta rikorrenti rikonvenzjonanti;

6) bhala konsegwenza tillikwida s-somma ta tmintax-il ef u disa mitt Ewro (€18,900), tlett elef u tlett mitt Ewro (€3,300), u hdax-il elf seba mija erbgha u erbghin punt sebgha tnejn Ewro (€11,744.72) jew somom ohra verjuri dovuta bhala danni inkorsi mill intimat et nomine rikonvenzjonanti a kawza ta inadempjenza da parti tas socjeta rikorrenti rikonvenzjonata li tonora l-obbligi assunti minnha fil-kuntratt ta appalt Dok BCL1 surreferit fiz zmien miftiehem u dan kif spjegat aktar il fuq;

7) tordna l-hlas tad danni hekk likwidati, jew somom ohra verjuri, mis-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata lill esponenti et nomine rikonvenzjonanti ghar ragunijiet aktar il fuq esposti;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra is socjeta rikorrenti rikonvenzjonata li d-diretturi taghha huma ingunti minn issa ghas subizzjoni taghhom."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata tad-29 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"1. Illi s-soċjetà esponenti hija biss responsabbli għal tliet xhur dewmien fl-eżekuzzjoni tal-appalt *de quo* u għalhekk hija biss responsabbli għall-penali għad-dewmien fl-ammont komplessiv ta' €18,000, liema ammont hija diġà naqqset mit-talba prinċipali kontenuta fir-Rikors Ġuramentat promotur ta' dawl il-proċeduri.

2. Illi kien għalhekk inutili għall-konvenuti nomine li jressqu kontro-talba għall-ammont sħiħ ta' €45,000 in via ta' penali għad-dewmien, stante li l-imsemmi ammont jinkorpora fih il-penali għad-dewmien fl-ammont

ta' €18,000 li diġà ġiet ammessa u imnaqqsa mit-talba prinċipali tas-soċjetà esponenti hekk kif imfisser fir-Rikors Ġuramentat.

3. Illi l-ammont bilanċjali ta' penali għad-dewmien fl-ammont ta' €27,000 mhux dovut stante li s-soċjetà esponenti mhix responsabbli għal kwalsijasi dewmien lil hinn minn tliet xhur stante li l-istess dewmien ulterjuri huwa addebitabbli lill-konvenuti nomine jew altrimenti għal ċirkostanzi li m'humiex addebitabbli lis-soċjetà esponenti.

4. Illi l-konvenuti nomine m'humiex intitolati li jitolbu s-somma ta' €18,900 u s-somma ta' €3,300, jew kwalsijasi ammont verjuri, in via ta' danni konsegwenti għall-allegat dewmien fil-kompletazzjoni tal-appalt stante li, ai termini tal-Artikolu 1120(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-penali għad-dewmien stipulata fil-kuntratt ta' appalt minnha nfisha tirrappreżenta "l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali". Għalhekk, il-konvenuti nomine huma preklużi milli jitolbu kwalsijasi danni ulterjuri marbuta ma' kwalsijasi allegat dewmien fil-kompletazzjoni tal-appalt.

5. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenuti nomine jeħtiġilhom jipprovaw id-danni minnhom allegati u jeħtiġilhom jipprovaw li l-istess danni huma addebitabbli l-soċjetà esponenti, stante l-istess danni huma kontestati.

6. Illi t-talba għall-ħlas ta' €11,741.42 rappreżentanti prezz ta' xogħol rimedjali hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xogħolijiet rimedjali ma jirrigwardawx xogħolijiet imwettqa mis-soċjetà esponenti iżda xogħolijiet imwettqa minn terzi, li għalihom is-soċjetà esponenti mhix responsabbli.

7. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenuti nomine jeħtiġilhom jipprovaw il-*quantum* minnhom pretiż stante li l-istess huwa kontestat.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi għaldaqstant, it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti nomine għandhom jiġu miċħuda *in toto* bl-ispejjeż a karigu tagħhom."

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-Kawża partikolarment in-noti presentati fl-aħħar udjenza qabel l-għoti ta' din is-Sentenza.

Rat il-verbal magħmul mill-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

Fir-rejalta' ma tantx hemm xi tgħid f'din il-Kawza, għaliex bil-verbal magħmul bejn il-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 din il-Qorti hija vinkolata b'dak li ftehmu l-partijiet bejniethom, kif rifless f'żewg noti presentati fl-interess tal-Konvenut u oħra mis-Soċjeta' Attriċi fis-seduta fuq imsemmija.

Ghalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tagħti Sentenza abbazi ta' dak fuq imsemmi.

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħdha għar-raġunijiet fuq imsemmija tiddeċiedi l-Kawza bil-mod segwenti u ċioe:

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba** stante li l-Kawża ħadet il-kors ordinarju tagħha u ma baqgħetx bil-proċedura speċjali sommarja.

**Tilqa' it-tieni** talba Attriċi u tikkundanna lill-imsemmi David Christopher Jackson iħallas lis-Soċjeta' Attriċi s-somma ta' mija u erbatax-il elf ewro (€114,000) u dan kif ridott permezz ta' nota mis-Soċjeta' Attriċi u kif ammessa din is-somma, ukoll permezz ta' nota tal-konvenut.  Ma għandux ikun hemm imgħax fuq is-somma msemmija.

Stante li l-kontro-talba ġiet ċeduta permezz tan-nota tat-12 ta' Novembru 2020 il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Ai fini ta' spejjes kif ser jinghad:

Is-Soċjeta' Attriċi għandha tissopporti l-ispejjes tar-rikors ġuramentat u kif ukoll dawk l-ispejjes li jirrigwardaw ir-risposta ġuramentata tagħha għall-kontro-talba, mentri l-konvenut għandu jissopporti l-ispejjes għar-risposta ġuramentata tiegħu għar-rikors ġuramentat u kif ukoll tal-kontro talba.

Spejjes tal-Kuraturi deputati għandhom ikunu sopportati ugwalment bejn is-Soċjeta' Attriċi u l-imsemmi David Christopher Jackson.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**